MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Numru. 32/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Alex Paul Miruzzi**
**V**

**IVAN AZZOPARDI**

**Seduta tal-llum 3 ta' Marzu, 2005**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputat Ivan Azzzopardi ta' erbgha w ghoxrin sena iben Carmel u Rose xebba Vella imwieled Rabat, Ghawdex nhar it-tnejn ta' Frar, 1980 u residenti fil-fond numru 46, Triq il-Qronfol, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita` numru 6580G gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fit-13 ta' Ottubru, 2004 ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu fl-inhawi Ta' Cenc, waqt stagun miftuh ghall-

kacca tal-ghasafar minn fuq il-bahar kellu fil-pussess tieghu jew taht kontroll tieghu arma tan-nar u munizzjon jew xi mezz iehor biex jikkaccja jew jiehu ghasafar minghajr ma kellu licenzja ghall-kacca fuq il-bahar mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

2. Talli ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien ghall-kacca minn fuq dghajsa jew xi opra tal-bahar f'distanza sa tliet kilometri jew anqas mill-kosta;

3. Talli ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kien ghall-kacca u pprova jikkaccja u kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u munizzjon meta ma kienx fl-ghata tieghu u kien ikkargat b'sitt skratacc meta kien f'distanza ta' inqas minn tlett kilometri boghod mix-xatt;

4. Talli ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt stagun miftuh ghall-kacca, kien ghall-kacca u kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar li keint ikkargata b'sitt iskratacc;

5. Talli ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala pussessur ta' licenza naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenza.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena skond il-ligi, tikkonfiska l-oggetti esebiti.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni ghar-raba akkuza u ghaldaqstant fuq tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati taghha u semghet lill-Ufficjal Prosekutur jirtira t-tieni akkuza fis-seduta ta' nhar is-sbatax ta' Frar, 2005.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe` PC 804 u PC 882 jixhdu u jghidu illi nhar it-tlettax ta' Ottubru, 2004 ghall-habta tat-tmienja, huma lemhu daghjsa proprju taht l-irdum ta' Ta' Cenc, b'zewg minn nies fuqha. Huma avvicinaw din id-daghjsa u sabu lill-imputat u ragel anzjan, staqsew lill-imputat jekk kellux xi arma a bord u dana wiegeb fin-negattiv. Ghamlu tficcija u sabu senter tal-ghamla Luigi Franchi ikkargat b'sitta, nofsu fl-ghata u nofsu le. PC 882 esebixxa l-licenzja li ghandu l-imputat

ghal garr ta’ arma tan-nar ai fini ta’ sport ghall-fuq l-art. Illi meta l-Pulizija tkellmet mal-imputat, huwa ma ammettix maghhom li kien ghall-kacca ghalkemm seduta stante nhar is-17 ta’ Frar, 2005, huwa irregistra ammissjoni ghar-raba akkuza u cioe` li waqt stagun miftuh ghall-kacca, kellu fil-pussess tieghu arma ikkargata b’sitt iskratacc. Mistoqsi x’qallu l-imputat dakinhar meta gie mwaqqaf, PC 882 wiegeb illi l-imputat qallu li huwa kien ghall-kacca fuq l-art, meta f’xi hin ghajjatlu zijuh li huwa sajjied biex jmur jghinu jistad u iddecieda li jibqa sejjer bl-arma b’kollox.

L-imputat ghazel li jixhed b’mod volontarju u spjega kif dakinhar tat-tlettax ta’ Ottubru, 2004 huwa kien qieghed ghall-kacca fuq l-art maz-ziju tieghu, meta f’xi hin ghajjatlu ziju iehor, certu John Cauchi li huwa sajjied, biex jakkompanjah fuq id-daghjsa jaqbad it-tumbrell hdejn l-Imgarr proprju taht ta’ Cenc. Huwa iddecieda li jmur ma zijuh u ha mieghu l-arma li kellu u li kien qed juza fuq l-art. Ikkonferma illi huwa mar fuq id-daghjsa u qaghdu jistadu vicin l-irdum ta’ taht Ta’ Cenc u li zamm is-senter tieghu fil-pocket biz-zip mhux maghluq. F’xi hin gie mwaqqaf mill-Pulizija li staqsewh jekk kellux armi u huwa wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi ghaliex wiegibhom hekk, huwa qal li bezgha mill-Pulizija pero’ ikkonferma illi minn fuq id-daghjsa ma kienx qed jikkaccja u li s-senter kienet fuqu incidentalment.

Xehed ukoll John Cauchi, prodott mid-difiza li kkonferma li l-imputat, in-neputi tieghu, kien mieghu fuq id-daghjsa fuq rikjesta tieghu u ma kienx qed jikkaccja. Qal li kienu t-tnejn jistadu, ghalkemm ikkonferma li fuq id-daghjsa l-imputat kellu senter li kien gab mieghu ghaliex qabel kien qed jikkaccja minn fuq l-art.

Il-Qorti thoss illi hija ghandha taghmel apprezzament tax-xhieda u tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u thoss illi l-imputat ma kienx veritjier f’dak li qal u cioe` li ma kienx qed jikkaccja u li s-senter kienet fuq id-daghjsa accidentalment. Dan qed tghidu ghaliex kieku kien il-kaz, fl-ewwel lok l-imputat ma kienx jirrispondi l-ufficjal tal-Pulizija bil-mod li rrisponda u in oltre l-arma ma kienetx tkun ikkargata b’sitt iskratacc u mizmuma fil-pocket kif qal

hu stess biz-zip miftuh.  Il-Qorti thoss li dawn huma kollha provi indizzjarji li jwasslu l-Qorti temmen illi l-imputat verament kien qed jikkaccja dakinhar meta gie mwaqqaf mill-Pulizija.

**Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 9 (1) (g) (ii) (aa), l-artikolu 9 (2) (b) (e) tal-avviz legali 146/93, u l-artikolu 3 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara l-pocediment esawrit fil-konfront tat-tieni akkuza li giet irtirata mill-Prosekuzzjoni u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-istess akkuza.  Tiddikjara li ma ssibx lill-imputat IVAN AZZOPARDI hati tat-tieni akkuza u tilliberah minnha u ssibu hati tal-ewwel, ir-raba u l-hames akkuzi u tikkundannah multa komplessiva ta' mitt lira Maltin.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------